# LAXKAR FIL-ĦABSIJIET TAL-INKWIŻIZZJONI



L-istruttura taċ-ċelel tal-Inkwiżizzjoni kienet biss parti mill-problema marbuta mat-tmexxija tal-kumpless tal-ħabs. Aktar importanti minn hekk kienu l-priġunieri nfushom, li kienu jeħtieġu min jieħu ħsiebhom. Fil-fatt, sal-bidu tas-seklu 17, il-prattika tal-esproprjazzjoni u l-pieni fiskali, naqsu sew fit-tribunali kollha tal-Inkwiżizzjoni Rumana madwar l-Ewropa, fosthom Malta. Din il-politika tefgħet aktar pressjoni fuq l-Inkwiżituri għall-immaniġġjar tal-kumpless tal-ħabsijiet. Kenneth Gambin, li għal żmien twil kien kuratur tal-Palazz tal-Inkwiżitur ta' Heritage Malta jwasslilna aktar tagħrif.

Minn **CHARLES B. SPITERI**

**Jiġifieri meta jiġu daħarhom mal-ħajt, x'kienu jagħmlu l-Inkwiżituri?**

Fl-1638, l-Inkwiżitur Fabio Chigi (aktar tard il-Papa Alessandru VII) ipprotesta li bilkemm kellu flus għall-ispejjeż tal-priġunieri tas-Sant'Uffiċċju, għax il-prezz għall-priġunieri ma kienx wieħed żgħir.

Pereżempju għall-perjodu ta' ħames snin bejn l-1658 sal-1663, is-somma kienet tammonta għal mill-inqas 380 skud, waqt li mill-1676 sal-1678, it-Tribunal kellu jagħmel tajjeb għal aktar minn 139 skud.

**Allura kif kienet tinstab soluzzjoni?**

Fl-1668 is-Sant'Uffiċċju kien f'qagħda finanzjarja diffiċli, tant li ma kienx jiflaħ iħallas għall-ikel tal-priġunieri. Kellha tkun ir-Reverenda Fabbrica li wasslet għas-salvataġġ tat-Tribunal, billi pprovdiet 50 skud, ġeneralment imqassma għal kawżi ta' bżonn bażiku. Għal darb'oħra, fl-aħħar tas-snin 1760, l-Inkwiżitur Giovanni Mancinforte kkalkula li t-Tribunal nefaq madwar 130 skud kull sena għall-manutenzjoni tal-ħabsijiet u għall-bżonnijiet tal-priġunieri. Dan kien piż tqil wisq għas-Sant'Uffizzju, li kellu żbilanċ ta' aktar minn 1,000 skud.

**Dak kien jirrigwarda biss lill-priġunieri, għax naturalment, l-Inkwiżizzjoni riedet ukoll min jieħu ħsieb il-ħabs.**

Hekk hu. Dak kien riżors ieħor meħtieġ fit-tmexxija tal-kumpless. Ried ikun hemm bniedem responsabbli mill-amministrazzjoni tal-ħabs, li kien il-gwardjan. Hu kien ukoll uffiċjal tat-tribunal tal-Inkwiżizzjoni.

Ir-responsabbiltà tiegħu kienet fil-ħarsien u s-sigurtà tal-ħabs u tal-priġunieri. Apparti dan, kien ikollu jżur lill-priġunieri kull filgħodu u filgħaxija, biex iwassilhom l-ikel u l-ilma.

Ma kienx dmir tiegħu jżur il-ħabsijiet matul il-lejl, sakemm l-Inkwiżitur ma jordnalux jagħmel dan, biex jara li kollox ikun mixxi sew. F'din ir-ronda, kien jittawwal mit-tieqa ċkejkna f'kull bieb taċ-ċella.

Parti oħra mix-xogħol tiegħu kienet li jiċċekkja kull oġġett li jirċievu l-priġunieri. Kien jikkontrolla kollox hu. Xi minn daqqiet anki ministri oħra tat-tribunal kienu jiċċekkjaw l-affarijiet qabel ma jgħadduhom lill-priġunieri.

Meta meħtieġ, kien obbligat jiftaħ iċ-ċelel lill-priġunieri biex jagħmlu l-ħtiġiet naturali tagħhom. Dan l-aktar li kien jiġri meta ma kienx għad kellhom il-faċilità fiċ-ċelel. Kultant kien anki joħroġ jixtri xi affarijiet għall-priġunieri mill-flus li jgħaddulu huma stess, u tul is-sentenza li jingħataw kien imur magħhom biex jisimgħu l-quddies.

Responsabbiltà oħra tiegħu kienet li kull filgħodu u filgħaxija jżomm għandu l-imfietaħ tal-bieb ewlieni tal-Palazz u taċ-ċelel kollha.

**Il-priġunieri kienu jagħtu xi daqqa t'id fil-ħabs?**

Fuq din interessanti ngħidu li tul is-sena 1650, il-gwardjan kellu miegħu lill-ħabsi Thomaso Seychel, li kien jagħmel xogħol fil-ġnien tal-palazz. Iżda ma kinitx ħaġa rari li gwardjan tal-ħabs ikollu assistent biex jgħinu jwettaq ħidmietu.

L-esperjenza tal-ħabs fil-Palazz tal-Inkwiżitur kienet differenti minn dik tal-iskjavi tal-Gran Prigione fil-Belt Valletta. Dawn tal-aħħar kienu taħt ir-responsabbiltà tal-prodomo, li kien il-gwardjan tal-ħabs u seta' jiddeċiedi fuq il-kastig; l-Agozzini, responsabbli għat-tqassim tal-priġunieri għax-xogħol u l-carcerieri, li kienu jagħmluha ta' gwardjani.

Fil-bidu tas-seklu 17, meta ċ-ċelel tal-ħabs kienu għadhom mifruxin madwar il-Palazz tal-Inkwiżitur, il-kamra tal-gwardjan tal-ħabs kienet maġenb id-daħla prinċipali tal-palazz.

Fl-1631, minbarra li l-gwardjan kien jaħżen numru ta' saqqijiet u kutri li kien iqassam fost il-priġunieri, kellu wkoll f'idejh l-istrumenti tat-tortura: il-ħabel u l-kavallett. Il-manetti tal-ħadid u par dammi li l-priġunieri kienu jużaw biex jgħaddu ż-żmien, kienu jinżammu wkoll fil-kamra tiegħu.

Sat-tieni nofs tas-seklu 17, insibu li din il-kamra kienet trasferita għall-ewwel sular, aktar qrib iċ-ċentru tal-palazz u eqreb għall-post il-ġdid tal-ħabsijiet u t-taqsima l-'qadima' mibnija minn Gori Pannellini. Madankollu, sal-1700, matul xi xogħlijiet strutturali li reġgħu saru, l-'uffiċċju' tiegħu reġa' ttrasferixxa ruħu isfel, fil-kamra fejn hemm it-taraġ sigriet li mill-ħabsijiet iwassal direttament għall-kanċellerija u l-kamra tat-tribunal.

**Nafu x'kien jitħallas gwardjan tal-ħabs għax-xogħol li jwettaq?**

Lejn l-aħħar tas-seklu 16, kellu salarju annwali ta' 24 skud. Aktar tard żdiedlu għal 45 skud, waqt li fl-1735 kellu dħul ta' 54 skud fis-sena.

**Kienu biżżejjed għal dak iż-żmien?**

Biżżejjed ngħidu li bħala skala fis-salarji, meta l-paga tal-gwardjan tal-ħabs kienet ta' 45 skud fis-sena, lill-gwardjan insibuh fil-ħames post fost il-ministri tal-Inkwiżizzjoni. Fl-ewwel post kien hemm l-Inkwiżitur b'100 skud kull xahar, imbagħad il-kanċillier (84 skud fis-sena); il-kaptan (48 skud fis-sena) u l-assessur u promotur fiskali (47 skud). Il-prekursuri u d-depożitarju biss kienu jaqilgħu inqas mill-gwardjan tal-ħabs. Is-salarju tagħhom kien ta' 30 skud fis-sena.

Fil-Milied, kemm il-gwardjan kif ukoll il-prekursuri kienu jirċievu xi ħaġa tal-flus żejda mill-Inkwiżitur.

Meta wieħed iqis li l-gwardjan tal-ħabs ma kellux għaliex ikun ta' skola jew xi sengħa, is-salarju tiegħu jitqies tajjeb ħafna ma' dak tal-ministri l-oħra tat-tribunal. Iżda l-istess ħlas kien jirrifletti l-importanza ta' ħidmietu, li uffiċjalment ried jiżgura s-segretezza u s-sigurtà tal-ħabs.

Bħala uffiċjal tas-Sant'Uffizzju, il-gwardjan tal-ħabs kellu jgħix ħajja eżemplari u jwettaq ħidmietu bl-akbar reqqa.

**Insibu Maltin li wettqu ħidmiethom kif kien mistenni?**

Gwardjan li kien rakkomandat għad-dedikazzjoni tiegħu kien Zarò Xerri, li tant wettaq ħidmietu tajjeb li meta rtira fl-1675, ingħata pensjoni ta' nofs is-salarju annwali li kellu, mill-Inkwiżitur Ranuccio Pallavicino. L-istess ġara fil-każ ta' Pietro Muscat fl-1758, iżda bid-differenza li dan baqa' jingħata salarju sħiħ.

**Għandna gwardjani oħrajn li mxew bil-maqlub?**

Naturalment insibu gwardjani oħra li spiċċaw piż fuq l-Inkwiżitur u żiedu l-problemi għall-amministrazzjoni tal-ħabs.

Fl-aħħar tas-seklu 16, il-gwardjan Theodoro Xuereb ittella' quddiem it-tribunal u kien akkużat b'maġija. Madankollu, għalkemm ma nstabux provi biżżejjed kontrih, ġie ssentenzjat sentejn ħabs mill-Inkwiżitur Giovanni Ludovico dell'Armi fl-1593.

Xuereb ħa wisq bi kbir il-mod kif mexa miegħu l-imgħallem tiegħu u ħalef li jpattihielu. Hekk kif dell'Armi telaq mill-gżira, Xuereb mar fuq l-Inkwiżitur ta' warajh, Innocenzo del Bufalo de' Cancellieri u akkuża lil dell'Armi li kellu relazzjonijiet illeċti frekwenti ma' ċerta Lorenza Crispo. Iżda ma nstabux provi biżżejjed f'dawn l-akkużi ta' Xuereb.

**In-nuqqasijiet fost il-gwardjani tal-ħabs, kienu spissi?**

Insibu numru, tant li fl-1630, l-Inkwiżitur Martino Alfieri wissa kemm-il darba lill-gwardjan tal-ħabs Giuseppe Galdes biex joqgħod attent, peress li Galdes



Ċella għal żewġ priġunieri fil-ħabs tal-Inkwiżitur.



Waħda miċ-ċelel minn barra fil-bitħa tal-ħabs.

**"Meta wieħed iqis li l-gwardjan tal-ħabs ma kellux għaliex ikun ta' skola jew xi sengħa, is-salarju tiegħu jitqies tajjeb ħafna ma' dak tal-ministri l-oħra tat-tribunal**

kien qed iqatta' ħafna ħin jitkellem mal-priġunieri u jidħol fiċ-ċelel tagħhom jixrob l-inbid u jilgħab id-dammi u l-karti tal-logħob.

Galdes kien impjegat mill-Inkwiżizzjoni bħala furnar fi żmien l-Inkwiżitur Fabrizio Verallo (1600-05) u meta fl-1625 kien kiber fl-età, ingħata l-inkarigu ta' gwardjan tal-ħabs.

Ġara iżda, li fil-Karnival tal-1633, meta Galdes kellu 73 sena, ħames priġunieri ħadu vantaġġ sħiħ mill-atteġġjament ta' ħbiberija li kellhom miegħu u ħarbu mill-bieb prinċipali tal-ħabs, wara li b'aljenazzjoni, Galdes ħallieh imbexxaq waqt li kien qed iħit f'kamartu.

**Kif ġrat din il-ħarba?**

Ġara li Mami Rais u Gio. Batta Cagliares, użaw musmar u fetħu katnazz li kienu tawh il-grease u ż-żejt biex ma jżaqżaqx meta jiftħuh. Imbagħad, telgħu fuq il-bejt tal-Palazz tal-Inkwiżitur u bl-għajnuna ta' żewġ kowtijiet li rabtu flimkien, niżlu f'bitħa interna u ħarrbu tliet priġunieri oħra: Gioanne, Costantino u Ahmed, li kienu maqfulin f'ċella oħra. Ahmed inqabad u reġa' ddaħħal il-ħabs dakinhar stess. Huma ħarbu lejn il-kampanja u kull lejl bdew ibiddlu l-moħba tagħhom u jieklu prodotti li jsibu mkabbra fl-għelieqi privati. Imbagħad, irħewlha lejn il-baħar bit-tama li jsibu dgħajsa u jaħarbu minn Malta.

Iżda wara erbat ijiem maħrubin, inqabdu minn xi nies ċivili fl-inħawi ta' Kordin u reġgħu sabu ruħhom maqfulin fil-Palazz tal-Inkwiżitur.

Alfieri *informa* lis-*superjuri* tiegħu f'Ruma bil-ħarba u qalulu biex jerġa' jitfa' lill-maħrubin fil-ħabs mingħajr ma jżidilhom is-sentenza. Waqt il-proċeduri tal-każ, Galdes spiċċa wkoll priġunier u maqful fil-ħabs.

**Ghandna xi rakkont ta' xi ġrajja aktar iebsa fost il-gwardjani?**

Għandna dik tal-gwardjan Carlo Vella. Dan kien tkeċċa mix-xogħol fl-1670 fuq numru ta' żbalji, meqjusin bħala li saru bi traskuraġni. Ċertament, l-aktar ħaġa serja kienet li ta daqqiet b'arma bil-ponta lil Antonio Ravè wara li Vella kellu jagħtih xi flus.

Vella spiċċa nqafel ukoll fil-ħabs wara li nstab ħati li għadda informazzjoni kunfidenzjali, meta bħala uffiċjal tal-Inkwiżizzjoni meta ma setax jgħaddiha, għax kien obbligat ma jagħmilx dan bil-ġurament tal-ħatra li ngħata.

L-istess tkeċċija ġarrabha l-gwardjan Andrea Mifsud, li nstab li kien responsabbli għall-ħarba ta' priġunier. Hu tkeċċa fl-1685.

**Dawn l-affarijiet kienu jiġru biss f'Malta?**

Le, tant li fl-1717 is-Sagra Kongregazzjoni ta' Ruma infurmat lill-Inkwiżituri kollha, li l-gwardjan tal-ħabs tas-Sant'Uffizzju ta' Spoleto, il-Patri Dumnikan Egidio Giorgi, ġie sentenzjat għal seba' snin ħabs talli kiser il-ġurament tas-segretezza. Ħasbu li t-tali twissija kienet se sservi ta' deterrent mal-pajjiżi kollha fejn kien hemm l-Inkwiżizzjoni.

**U hekk ġara, tabilħaqq?**

Le, għax seħħ każ ieħor f'Malta fis-snin tal-1740. Il-gwardjan Pietro di Cristoforo u l-assistent tiegħu, Giovanbattista Lombardini ntbagħtu l-ħabs bl-istess akkuża. Madwar sena wara, l-Inkwiżitur Paolo Passionei irċieva struzzjonijiet minn Ruma biex jilliberahom, peress li ż-żmien li qattgħu fil-ħabs tqies bħala kastig biżżejjed.

Madankollu, minn dakinhar, biex żgur ikun hemm dixxiplina lejn it-tmexxija, hekk kif gwardjan jaċċetta l-kariga, kien ikun imwissi li jekk jonqos minn dmirijietu jingħata sentenza ta' ħames snin ħabs.

**Beżżgħet xejn din id-deċiżjoni, u kien jinstab min jimla l-postijiet?**

Ma nistgħux ngħidu hekk, għax insibu li kif Lombardini ħeles, reġa' *talab li jingħata lura* x-xogħol li kellu, iżda t-talba twarrbet mill-Inkwiżitur, li ħatar lil Carlo Genovesi minfloku. Fl-1731 insibu li l-Inkwiżitur Giovanni Francesco Stoppani wkoll sab li kien meħtieġ ibiddel lill-għassies tal-ħabs, wara li ma wettaqx ħidmietu għalkollox. Madankollu, l-Inkwiżitur qatagħha li wara 40 sena ħidma lit-tribunal, joħroġlu xi flus biex ma jispiċċax fil-faqar.

**Xi nsibu bħala aggravji oħra?**

Kien hemm numru ta' għassiesa li abbużaw b'mod qawwi mill-awtorità tax-xogħol tagħhom versu l-priġunieri.

Pereżempju, fl-1622 il-gwardjan Antonio Bellia talab lill-priġunier Musulman jagħtih flusu biex iqegħedhomlu f'post sigur. Iżda aktar tard, meta l-iskjav Musulman talab flusu lura, intqallu li kien impossibbli, peress li l-gwardjan kien ilu li nefaqhom.

Abbuż ieħor aktar serju ġara fl-1705 meta l-gwardjan Lazzaro Seichel instab ħati b'relazzjonijiet sesswali ma' priġuniera u li għaddielha informazzjoni kunfidenzjali. Għal dan, il-gwardjan kien ikkundannat ħames snin qdif fuq il-bastimenti.

Każ ieħor simili hu dak li seħħ fl-1756, meta l-gwardjan Pietro Muscat ingħata permess speċjali biex jattendi ċena ma' familtu fil-Belt Valletta. L-assistent tiegħu, Giovanni di Lorenzo, ħa vantaġġ mis-sitwazzjoni u abbuża sesswalment lil Antonia Habela, fuq is-sodda taċ-ċella tagħha.

**Dan kollu ma kienx jirriżulta fi dwejjaq għall-Inkwiżizzjoni?**

Dażgur, u ma ninsewx li l-ħarbiet mill-ħabs u n-nuqqas ta' osservanza tad-dmirijiet tal-gwardjani, kienu għadhom frekwenti. Tant hu hekk li fl-1702 il-Kardinali tas-Sagra Kongregazzjoni f'Ruma wissew u fakkru lill-Inkwiżituri kollha biex frekwentement iżuru l-ħabsijiet u jiżguraw li ma kinux qed isiru abbużi. Kellhom jiżguraw ukoll li l-għassiesa tal-ħabs jafu sew x'inhu x-xogħol tagħhom u li ma jieħdu ebda inizjattiva personali li tirrigwarda lill-priġunieri jew lis-sentenzi li kellhom iservu, mingħajr ma qabel jinfurmaw lilhom.

Madankollu, il-każi ta' abbuż jew ħarbiet komplew. Fl-1712 Giuseppe Franciscotti tħalla jdur fil-kumpless tal-ħabs, u qrib nofsinhar ħarab mill-bieb prinċipali tal-palazz. Fortunatament, il-kok tal-Inkwiżitur induna b'dak li ġara; ġera warajh u qabdu wara l-knisja tad-Dumnikani, li hemm quddiem il-palazz.

**Kenneth, fost dawn il-ħarbiet kollha, hemm xi waħda li tispikka?**

Nista' nsemmi l-każ ta' Giovanni Maria Zammit mill-Imqabba, magħruf bħala Ciamano, li ġara fl-4 ta' Lulju 1725. Hu ntbagħat il-ħabs mis-Sant'Uffizzju. Inżamm priġunier għal 26 jum, sat-30 ta' Lulju. Dakinhar, hu ħa vantaġġ min-nuqqas ta' attenzjoni tal-għassies Vincentio Mendus, li kien ilu f'ħidmietu mill-1713. Mendus kien qed itella' l-ilma mill-bir tal-bitħa tal-ħabs.

Zammit żgiċċa miċ-ċella tiegħu, li ma kinitx imsakkra, fetaħ il-bieb prinċipali tal-ħabs (li Mendus kien ħalla miftuħ temporanjament) u qafel lill-għassies hemm ġew. Imbagħad, ħareġ mill-Palazz u rnexxielu jasal l-Isla, jagħmilha ta' tallab. Għal xahar qagħad idur fil-kampanja, u rnexxielu jevadi kull tentattiv għall-qabda mill-ġdid tiegħu. Fil-31 ta' Awissu nqabad mill-uffiċjali tal-Qorti Ċivili.

Madankollu, reġa' rnexxielu jaħrab mill-Palazz tal-Inkwiżitur fl-14 ta' Settembru, meta żgassa l-bieba taċ-ċella. Hu qagħad jistenna lill-għassies imur iqassam l-ikel ta' filgħaxija u waqt li Mendus kien aljenat fuq xogħlu, Ciamano ħareġ jiġri miċ-ċella tiegħu, ġibed warajh il-bieb prinċipali tal-ħabs u qafel ġewwa lill-għassies. Din id-darba ħarab mill-Birgu, mexa lejn Ħaż-Żabbar u baqa' sejjer is-Siġġiewi. Hemm sab kenn fil-Parroċċa tal-Imqabba, imnejn sebat ijiem wara, fl-20 ta' Settembru, hu stess talab li jittieħed is-Sant'Uffizzju, mill-uffiċjali tal-Inkwiżizzjoni.